

Brussell, 30 ta' April 2026
(OR. en)

8494/26

CDR 75

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru, propost mir-Renju tan-Netherlands, fil-Kumitat tar-Regġuni - Adozzjoni

1. Permezz ta' ittra tas-6 ta' Marzu 2026¹, is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Regġuni għarraf lill-Kunsill bi tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu s-Sa Willemina Roziena Catharina STERK, membru tal-Kumitat tar-Regġuni, ġiet proposta għall-ħatra u maħtura.
2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi, jaħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Regġuni.

¹ 7341/26.

3. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sa Willemina Roziena Catharina STERK, il-Gvern Netherlandiż ippropona² lis-Sur Gijs DE KRUIF, rappreżentant ta' korp reġjonali li huwa politikament responsabbli quddiem assemblea eletta, *Gedeputeerde, Lid van Gedeputeerde Staten van de provincie Utrecht* (Ministru Reġjonali tal-provinċja ta' Utrecht), bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030.
4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni, kif jinsab fid-dokument 8493/26, u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

² 8393/26.